**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.**

Seduta ta' nhar it-28 ta' April 2025

Avviż Numru: 301/2023NHV

**Auto Sales Limited**
(C491)

**vs**

**Carmel Camilleri**
(KI508971M)

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat nhar it-22 ta' Diċembru 2023[1], li permezz tiegħu, is-soċjetà rikorrenti talbet li l-konvenut iħallas l-ammont ta' €5532.96 (ħamest' elef ħames mija tnejn u tletin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu) rappreżentanti l-bilanċ dovut wara bejgħ u konsenja ta' vettura. Ġie mitlub ukoll l-imgħax mit-30 ta' Lulju 2023, kif ukoll l-ispejjeż tal-preżenti proċeduri u l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali. Il-onvenut kien inġunt in subizzjoni.

[1] Fol. 1 tal-proċess;

Rat li b'digriet tal-11 ta' Jannar 2024, din il-Qorti appuntat is-smigħ tal-kawża għas-seduta tal-14 ta' Frar 2024[2].

Rat li mill-atti jirriżulta li l-partijiet kollha ġew debitament **notifikati** bl-avviż, kif ukoll bl-avviż tas-smigħ[3].

Rat ir-**Risposta** tal-konvenut, ippreżentata nhar l-14 ta' Frar 2024[4], li permezz tagħha laqa' għat-talbiet billi eċċepixxa:

> "1. Illi l-prezz miftiehem bejn il-kumpanija rikorrenti u l-konvenut kien ta' €6,000. Illi l-konvenut kien għadda lill-kumpanija rikorrenti l-ammont ta' €1,500 fl-2021 bħala depożitu akkont tal-prezz, hekk kif ser jiġi muri waqt it-trattazzjoni tal-każ;
>
> 2. Illi għalhekk il-bilanċ dovut huwa dak ta' €4,500 u mhux €5,532.96 hekk kif allegat mis-soċjetà rikorrenti.
>
> 3. Illi mid-data tal-kunsinna tal-mutur mibjugħ mill-kumpanija rikorrenti fl-2021, il-konvenut kontinwament ħa l-imsemmi mutur għat-tiswija a kawża ta' diversi ħsarat, fosthom vibrazzjonijiet perikolużi għan-natura intrinsika ta' mutur hekk kif tintleħaq ċertu velocità, b'tali mutur ikun iktar għat-tiswija milli għand il-konvenut.
>
> 4. Illi a kawża ta' dan, il-kumpanija rikorrenti kienet tipprovdi lill-konvenut b'vettura alternattiva sakemm il-mutur ikun għat-tiswija.
>
> 5. Illi a kawża tal-imsemmija ħsarat, kien hemm ftehim verbali bejn il-kumpanija rikorrenti u l-konvenut sabiex jitħallas il-bilanċ dovut appena l-mutur mibjugħ mill-istess kumpanija rikorrenti jkun jiffunzjona hekk kif suppost.
>
> 6. Illi l-liċenzja u l-polza tal-assigurazzjoni tal-imsemmi mutur jinsabu f'isem il-konvenut Carmel Camilleri.

[2] Fol. 4 tal-proċess;
[3] Fol. 6 tal-proċess;
[4] Fol. 9 u 10 tal-proċess;

Bl-ispejjeż."

Rat li din il-Qorti kif diversament preseduta, iddikjarat li ma kienx hemm raġuni sabiex din il-kwistjoni tiġi riferuta għall-medjazzjoni u dan wara li rat l-Artikolu 171A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u semgħet lill-partijiet kif ukoll eżaminat prima facie iċ-ċirkostanzi partikolarti tal-każ.[5]

Rat l-**assenjazzjoni**[6] tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-**provi kollha mressqa mis-soċjetà rikorrenti** fejn xehed Mark Testaferrata Moroni Viani, general manager tal-istess soċjetà rikorrenti, viva voce waqt is-seduta miżmuma nhar it-08 ta' April 2024,[7] fejn spjega li l-konvenut xtara mutur nhar id-19 ta' Lulju 2021, u f'Diċembru kellu problema fil-vettura u kellhom bżonn bdil ta' bearing kit u f'Marzu 2022 reġa lmenta magħhom li kellu problema fl-isteering u reġa ħa l-vettura lura lis-soċjetà attriċi. In-numru ta' reġistrazzjoni huwa FCV743. Hu kkonferma li ma tħallas l-ebda ammont mis-somma mitluba ta' €5532.96. Jgħid meta l-konvenut ressaq l-ilmenti tiegħu lis-soċjetà rikorrenti, huma rranġaw il-vettura u reġgħu ġabuha f'pożizzjoni ġdida u l-konvenut talabhom li jagħmel test drive għal ġimgħa u xorta kien baqa' ma ħallashomx minkejja li kien waqa' lura mill-pagamenti, u li qatt ma ġabar il-vettura li għadha għand is-soċjetà rikorrenti. Ix-xhud esebixxa il-kopja tal-kuntratt ta' hire purchase tal-vettura Scutum Logistic S. L. Silence[8], kif ukoll kopja tal-kambjali ffirmati.[9] Ix-xhud esebixxa wkoll nota illi permezz tagħha ddikjara d-dati meta l-mutur kien lura għand is-soċjetà rikorrenti għat-tiswija[10]. Rat ukoll l-istatement datat it-28 ta' Novembru 2023[11] bl-interess li akkumula fuq kull kambjala mill-iskadenza tagħha sal-imsemmija data.

Rat in-nota ppreżentata mis-soċjetà attriċi rigward il-valur tal-vettura mertu ta' din il-kawża fejn ġie ddikjarat li eskluż ċitazzjonijiet u liċenzji l-valur tal-vettura f'Mejju 2024 huwa ta' €1500.[12]

---

[5] Ara l-verbal tas-seduta miżmuma nhar l-14 ta' Frar 2024 a fol. 7;
[6] Fol. 11 tal-proċess;
[7] Fol. 13 sa 16;
[8] Dokument ASL 1, fol, 17;
[9] Immarkati komplessivament Dokument ASL 2 Fol. 28 sa 36;
[10] Immarkar Dokument ASL 3, fol. 36;
[11] Anness mar-rikors promotur u mmarkat Dokument A, fol. 2;
[12] Fol. 38 tal-proċess;

Rat li s-soċjetà attriċi ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi waqt is-seduta ta' nhar l-10 ta' Ġunju 2024.[13]

Rat li l-**konvenut** Carmel Camilleri xehed viva voce waqt is-seduta ta' nhar is-7 ta' Ottubru 2024,[14] u qal li huwa xtara mutur Silence għall-prezz ta' €6000 mingħand is-soċjetà Auto Sales Limited, xi sentejn u nofs qabel. Spjega li kien ftiehem li jħallas il-mutur fuq bażi ta' hire purchase u kien ħallas €1500 bħala l-ewwel pagament u l-bilanċ permezz ta' pagamenti ta' €209 fix-xahar. Huwa qal li l-mutur mal-ewwel ġimgħa kien beda bil-problemi, u dana peress kif kien isuq il-mutur kien jibda jitriegħed kif jaqbeż il-veloċità ta' 50km fis-siegħa, u kien iħossu qisu se jitfgħu mal-art. Kien daħħal il-mutur wara xi xahrejn li xtara l-mutur għat-tiswija u tal-Auto Sales Limited qalulu li ġabulu l-parts minn barra. Huwa qal li l-mutur kien baqa' xi xahrejn għand Auto Sales Limited u kienu qalulu li biddlu xi affarijiet, iżda ma kienux urewh dawn il-parts, u meta tawh il-mutur dan xorta beda jitriegħed. Jispjega li dam biex ħa l-mutur għat-tiswija peress li kienu damu biex jibgħatu għalih l-Auto Sales Limited wara li kien ressaq l-ilment tiegħu magħhom ġimgħa wara li xtara l-istess mutur. Jgħid li kellu jdaħħal il-mutur għat-tiswijja għal erba' darbiet u l-aħħar darba li ħadu għand Auto Sales Limited huma żammewh peress li riedu l-flus. Huwa kkonferma li ħallas biss id-depożitu ta' €1500 u l-pagamenti mensili qatt ma ħallashom għaliex il-mutur mal-ewwel kien beda bil-problemi. Ix-xhud qal li l-mutur baqa' għand l-Auto Sales Limited għal sena u nofs u għadu fil-pussess tagħhom. Il-mutur jgħajjat lilu.

In kontro-eżami x-xhud qal li wara ġimgħa li huwa xtara l-mutur kien informa lil Auto Sales Limited li kif tlaħħaq ċertu veloċità l-mutur jibda jitriegħed. Dan kien qed jistenna li l-mutur iwaqqgħu mal-art.

Rat li l-konvenut iddikjara li ma għandux aktar provi x'jipproduċi fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Frar 2025.[15]

Rat li minkejja li l-Partijiet ingħataw l-opportunità jagħmlu t-trattazzjoni tagħhom, huma naqsu milli jagħmlu dan, u ħalliet il-kawża għas-sentenza.[16]

---

[13] Fol. 39 tal-proċess;
[14] Fol. 41 sa 45 tal-proċess;
[15] Fol. 47 tal-proċess;
[16] Fol. 47 tal-proċess;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-kawża titratta talba għal ħlas tas-somma ta' €5532.96 rappreżentanti bilanċ dovut fuq vettura li l-konvenut xtara mingħand is-soċjetà attriċi, liema vettura baqgħet miżmuma mis-soċjetà attriċi wara li din iddaħħlet għat-tiswija ftit żmien wara li nxtrat mill-konvenut.

Illi in suċċint irriżulta li s-soċjetà attriċi biegħet vettura lill-konvenut għall-prezz ta' €6,050 u li l-konvenut ħallas minnha €1,500, u mal-ewwel jiem li l-vettura kienet ikkonsenjata lill-konvenut, il-konvenut kellu l-ilmenti dwar kif kien qiegħed jaħdem il-mutur u saru tiswijiet fuq l-istess mutur. Irriżulta wkoll li l-mutur baqa' fil-pussess tas-soċjetà attriċi.

Illi minkejja l-ilmenti fuq il-mutur, li jidhru li kienu effettivament ġustifikati tant illi r-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti kkonferma li saru tiswijiet fuq il-mutur, il-konvenut ma ħa l-ebda azzjoni kontra s-soċjetà attriċi sabiex dan jiġi indirizzat. Ir-reazzjoni tiegħu kienet illi unilateralment iddeċieda li jieqaf jagħmel il-pagamenti u li sussegwentement ma reġax ħa l-pussess tal-mutur lura mingħand is-soċjetà rikorrenti.

**Illi s-soċjetà attriċi ressqet talba għall-ħlas, mhux talba għall-eżekuzzjoni tal-kambjali ffirmati bejn il-partijiet u ebda parti ma ressqet talba għat-terminazzjoni tal-kuntratt bejn il-partijiet.**

Din il-Qorti tirreferi għad-deċiżjoni fl-ismijiet Lomags Limited vs. George u Carmen Muscat[17], fejn il-Qorti tal-Appell fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha qalet:

> "*Jinsab ritenut fil-gurisprudenza, li hi regola generali li fil-kuntratti bilaterali l-inadempjenza kuntrattwali ma twassalx ghat-terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt, lanqas meta x-xoljiment ipso jure jkun espressament pattwit fl-istess ftehim, u sakemm ma jkunx hemm il-fuzjoni tal-kunsens taz-zewg partijiet ghat-terminazzjoni tal-kuntratt, ix-xoljiment ghandu dejjem jiġi ppronunzjat mill-Qorti (sottolinear u emfasi miżjuda). Il-fatt li t-terminazzjoni tal-kuntratt minhabba inadempjenza ta' xi parti tkun espressament pattwita ifisser biss li l-Qorti ma tistax taghti lill-parti inadempjenti zmien sabiex tissodisfa l-mora, imma hija marbuta li tiddikjara x-xoljiment tal-kuntratt.*"

[17] 1459/2002/1 – deċiża nhar it-28 ta' Marzu 2014;

Irriżulta li l-prezz tal-mutur kien ta' €6050, li minnhom tħallsu €1500, u l-bilanċ fuq il-vettura innifisha kien ta' €4550. Illi skont l-istess kuntratt ta' hire-purchase hemm indikat li l-imgħax fuq l-ammont li kien għadu dovut kien ikkalkulat bir-rata ta' 5.5% u għalhekk huwa ta' €264.64 fis-sena, u kien hemm ukoll impost spejjez ta' proċessar li jammontaw għal €480[18]; għaldaqstant l-ammont dovut ai termini tal-ftehim ikkuntrattat bejn il-partijiet huwa ta' **€5532.96** sal-ġurnata tal-preżentata tal-preżenti azzjoni ġudizzjarja. Dan huwa effettivament l-ammont mitlub mis-soċjetà rikorrenti.

Illi l-konvenut jilmenta bl-istat tal-mutur, li dan ma kienx jaħdem kif kellu tant illi kellu jieħu l-mutur għat-tiswija kemm-il darba fi żmien qasir minn meta dan ġie kkonsenjat lilu. Madanakollu, il-konvenut ma ressaq ebda eċċezzjoni jew talba sabiex jiġi terminat il-kuntratt. Dan il-punt tħalla għal kollox barra mit-talbiet u s-sottomissjonijiet li din il-Qorti għandha tixtarr, tistudja u tiddeċiedi dwarhom. Għaldaqstant, kull ordni f'dan ir-rigward ikun jaqa' 'l hinn mill-kompetenza ta' din il-Qorti f'din l-azzjoni u dan kif definiti mill-parametri kif imposti permezz tat-talba kif ukoll l-eċċezzjonijiet kif imressqa mill-Partijiet.

**B'hekk il-kuntratt bejn il-partijiet jibqa' viġenti, peró mhux għal parti waħda biss**. **Iż-żewġ partijiet kienu tenuti jonoraw il-parti tagħhom tal-kuntratt.**

Mid-dokument ASL 3, jirriżulta li t-tiswijiet tal-mutur kienu tlestew nhar is-**6 ta' Mejju 2022.** Illi din ix-xiehda ta' Mark Testaferrata Moroni Viani ma ġiet bl-ebda mod kontradetta. Kwindi din il-Qorti qiegħda tqis din id-data bħala l-jum meta l-mutur seta' jiġi effettivament ikkunsinjat lill-intimat mingħajr difetti u minn meta huwa seta' jagħmel użu minnu. Illi s-soċjetà rikorrenti titqies minn din il-Qorti li ma setgħetx tonora l-obbligi kontrattwali tagħha qabel din id-data. Din id-data hija 291 jum wara d-data tal-ftehim bejn il-partijiet. Illi b'hekk l-intimat tilef it-tgawdija tal-mutur għal tant numru ta' jiem. Tilef ukoll id-diprezzament tal-prezz tal-mutur għal tant numru ta' jiem. Il-Qorti tqis li s-soċjetà rikorrenti għandha tikkumpensa għan-nuqqas tagħha li tadempixxi ruħha mal-kuntratt li kellha mal-intimat.

Illi s-soċjetà rikorrenti tistqarr b'ġurament[19] illi fid-29 ta' Mejju 2024, il-mutur kien jiswa is-somma ta' €1500. Dana jfisser li fi żmien 1045[20] jum, il-mutur naqaslu l-valur minn €6050 għal €1500, u cioe bir-rata ta' €4.35[21] kuljum. Maħdum dan it-tnaqqis fuq mitejn u wieħed u disgħin ġurnata, il-valur tal-mutur fil-jum li seta' jiġi effettivament

[18] Fol. 18 tal-proċess;
[19] Liema dikjarazzjoni ukoll ma ġiet bl-ebda mod ikkontestata;
[20] Mid-data tal-kuntratt fid-19 ta' Lulju 2021, sad-data tad-dikjarazzjoni fid-29 ta' Mejju 2024;
[21] €6050 – €1500 = €4550; €4550 ÷ 1045 = €4.35

ikkonsenjat[22] kien €1267 inqas mill-prezz ikkuntrattat u cioe kellu valur ta' €4783. Minn dan l-ammont l-intimat kien diġa ħallas €1500, biex b'hekk fid-data tas-6 ta' Mejju 2022, huwa kellu jħallas lis-soċjetà rikorrenti is-somma ta' €3283, b'imgħax dekorribbli bir-rata ta' 5.5%.

B'hekk il-Qorti tqis li fid-data tal-preżentata tal-proċeduri odjerni u cioe fit-22 ta' Diċembru 2023[23], l-ammont dovut mill-intimat lis-soċjetà rikorrenti kien €3283 sorte, flimkien ma' €294.35 imgħax u €112[24] li għalhekk ilaħħaq għal total ta' **€3689.35.**

Il-Qorti tqis ukoll illi minkejja li fl-avviż promotur ġiet imsemmija ittra uffiċjali, is-soċjetà attriċi naqqset milli tindika n-numru ta' tali att ġudizzjarju u wisq inqas ippreżentat kopja tiegħu; u għalhekk din il-Qorti se tieħu konsiderazzjoni ta' dan fid-deċiżjoni tagħha dwar l-imgħax kif ukoll fil-kap tal-ispejjeż.

**Deċide**

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Qorti tilqa' limitatament it-talba kif imressqa mis-soċjetà attriċi u konsegwentement qiegħda tordna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tlett'elef sitt mija disgħa u tmenin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (**€3689.35**), bl-imgħax mit-22 ta' Diċembru 2023 u ċioè mill-preżentata tal-avviż promotur, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż tal-preżenti ikunu sopportati kwart mis-soċjetà rikorrenti u tliet kwarti mill-intimat, waqt li l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali jibqgħu a karigu tas-soċjetà attriċi.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur

---

[22] U cioe fis-6 ta' Mejju 2022 kif fuq intqal;

[23] 595 jum bil-5.5%, l-imgħax laħħaq għal €294.35;

[24] Il-prezz amministrattiv ta' €8 għal kull kambjala;